DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Marzu 2011

dwar l-għajnuna mill-Istat C 28/05 (ex NN 18/05, ex N 517/2000), implimenta mill-Ġermanja lil Glunz AG u OSB Deutschland GmbH

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 1764)

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/524/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 108(2)(1) ([1]),

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont dawk id-dispożizzjonijiet ([2]) u b'konsiderazzjoni tal-kummenti tagħhom,

Billi:

I. PROĊEDURA

(1) Permezz ta' ittra datata l-4 ta' Awwissu 2000, reġistrata fis-7 ta' Awwissu 2000, il-Ġermanja nnotifikat lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tipprovdi għajnuna b'intensità ta' 35 % favur proġett ta' investiment ta' Glunz AG u OSB Deutschland GmbH, bl-għan li jistabbilixxu ċentru integrat għall-ipproċessar tal-injam f'Nettgau (Sachsen-Anhalt). L-għajnuna proposta kienet reġistrata bin-numru N 517/2000.

(2) Wara s-sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni fil-25 ta' Lulju 2005 li ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għal intensità ta' għajnuna ta' 35 % ibbażata fuq il-Qafas ta' Għajnuna Reġjonali Multisettorjali għal proġetti kbar ta' investiment ([3]) ('il quddiem imsejjaħ "QRM 1998").

(3) Bis-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2004, Kronofrance/Kummissjoni T-27/02 ([4]), il-Qorti ddeċidiet li tannulla din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(4) Konsegwentement, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni oħra fuq il-bażi tan-notifika tal-Ġermanja datata s-7 ta' Awwissu 2000.

(5) Permezz ta' ittra datata s-17 ta' Diċembru 2004 il-Kummissjoni talbet lill-Ġermanja jekk xtaqietx tissottometti aktar informazzjoni dwar in-notifika tas-7 ta' Awwissu 2000 minħabba l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Fit-3 ta' Marzu ħarġet tfakkira f'din il-kwistjoni. Il-Ġermanja wieġbet b'ittra datata t-23 ta' Marzu 2005, iżda ma ppreżentat l-ebda informazzjoni addizzjonali f'dak l-istadju.

(6) L-għajnuna preżenti ngħatat mill-Ġermanja fi Frar 2000 suġġetta għall-kundizzjoni li tkun approvata mill-Kummissjoni. Wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Lulju 2001 li ma tqajjimx oġġezzjonijiet, il-Ġermanja bdiet bil-ħlas tal-għajnuna.

(7) Wara l-annullament mill-Qorti tad-deċiżjoni tal-25 ta' Lulju 2001, irriżultat pożizzjoni legali daqs li kieku dik id-deċiżjoni qatt ma ttieħdet u b'hekk il-Ġermanja ma rċeviet l-ebda approvazzjoni tal-Kummissjoni għall-intensità ta' għajnuna proposta ([5]). Għalhekk, il-Kummissjoni rreġistrat il-każ fir-reġistru ta' għajnuna mogħtija illegalment bin-numru NN 18/05.

(8) Permezz ta' ittra datata l-20 ta' Lulju 2005 il-Kummissjoni infurmat lill-Ġermanja bid-deċiżjoni tagħha li tibda proċedura skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE fir-rigward tal-għajnuna.

(9) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([6]). Il-Kummissjoni stiednet partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-għajnuna.

(10) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand parti waħda. Dawn il-kummenti ġew mgħoddija lill-Ġermanja li ngħatat l-opportunità li tikkummenta; il-pożizzjoni tal-Ġermanja waslet b'ittri datati l-24 ta' Ottubru 2005 u l-24 ta' Jannar 2006.

([1]) B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009 l-Artikoli 107 u 108 TFUE jissostitwixxu l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE. L-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE u l-Artikoli 107 u 108 TFUE huma essenzjalment identiċi. Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni, referenza għall-Artikoli 107 u 108 TFUE għandha tiftiehem bħala referenza għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE rispettivament, fejn applikabbli.

([2]) ĠU C 263 tat-22 ta' Ottubru 2005, p. 7.

([3]) ĠU C 107 tas-7 ta' April 1998, p. 7.

([4]) Ġabra 2004, II-4177.

([5]) Paragun ma' Kawża C-199/06 (CELF), Ġabra 2008, I-469, paragrafi 60-64.

([6]) Ara nota 2.

(11) Permezz ta' ittra datata t-28 ta' Frar 2006 il-Ġermanja talbet is-sospensjoni tal-proċedura formali ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 7(6)(3) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([7]), peress li s-sentenza Kronofrance/Kummissjoni ġiet appellata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mill-Ġermanja u Glunz AG (każijiet konġunti C-75/05 P u C-80/05 P).

(12) Permezz ta' ittra datata d-9 ta' Marzu 2006, il-Kummissjoni approvat is-sospensjoni tal-proċeduri sakemm tittieħed deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi konġunti C-75/05 P u C-80/05 P, Ġermanja et al./Kronofrance.

(13) Il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Settembru 2008 ([8]) ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Qorti. Wara dan, il-proċedura formali ta' investigazzjoni fil-każ C-28/2005 tkompliet.

(14) Il-Ġermanja ssottomettiet aktar informazzjoni b'ittra datata l-4 ta' Awwissu 2009, u wara rikjesta għal aktar informazzjoni mill-Kummissjoni, b'ittra datata d-19 ta' Lulju 2010.

II. **DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-GĦAJNUNA**

2.1. *MIŻURA TAL-GĦAJNUNA*

(15) Il-Landesförderinstitut Sachsen-Anhalt iddeċieda fid-29 ta' Frar 2000 li jagħti għajnuna ta' investiment lil Glunz AG u OSB Deutschland GmbH għall-istabbiliment ta' ċentru għall-ipproċessar tal-injam f'Nettgau (Sachsen-Anhalt). L-għajnuna totali tammonta għal EUR 69 797 988.

(16) Skont in-notifika tal-4 ta' Awwissu 2000, l-għajnuna hija mogħtija f'forma ta' għotja li tammonta għal EUR 46 201 868 fuq il-bażi tat-28 Pjan Qafas tal-kompitu konġunt "Titjib tal-istruttura ekonomika reġjonali" ([9]) approvat mill-Kummissjoni. Din l-għotja tikkorrispondi għal 23,17 % gross tal-ispejjeż eliġibbli.

(17) Barra minn hekk, premium ta' investiment huwa approvat fuq il-bażi tal-Att dwar Il-Premium tal-Investiment 1999 ([10]), li kien appovat mill-Kummissjoni għall-ammont ta' EUR 23 596 120. Dan il-premium tal-investiment jikkorrispondi għal 11,83 % gross tal-ispejjeż tal-investiment eliġibbli.

([7]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.
([8]) Ġabra 2008, I-6619.
([9]) Għajnuna mill-Istat N 209/99, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni D/105751 tat-2 ta' Awwissu 2000
([10]) Għajnuna mill-Istat N 702/97, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni D/12438 tat-30 ta' Diċembru 1999

(18) Skont informazzjoni tal-Ġermanja kienu diġà tħallsu l-ammont ta' […] (*) EUR fuq il-bażi tat-28 Pjan Qafas tal-kompitu konġunt "Titjib tal-infrastruttura ekonomika reġjonali" u l-ammont ta' […] bħala investiment. Għalhekk, l-ammont totali tal-għajnuna ta' EUR […] kien diġà tħallas mill-Ġermanja lill-benefiċjarji (mill-ammont totali miftiehem ta' EUR 69 797 988).

2.2. *IL-BENEFIĊJARJI*

(19) Il-benefiċjarji huma tnejn.

(20) Wieħed mill-benefiċjarji huwa Glunz AG li hu bbażat f'Hamm (Nordrhein-Westfalen) ('il quddiem "Glunz") li twaqqfet fl-1932 u kienet topera fil-kummerċ tal-injam. Sa mis-sittinijiet il-kumpanija ilha timmanifattura u tbigħ esklussivament particleboards, fibre boards ta' densità medja (MDF), oriented strand board (OSB) u plywood. Fi żmien in-notifika, Tableros De Fibras S.A. ('il quddiem "TAFISA"), li tappartjeni għall-grupp Portugiż SONAE, kellha 96.03 % tal-ishma ta' Glunz.

(21) Il-benefiċjarju l-ieħor, OSB Deutschland GmbH ('il quddiem "OSBD") tappartjeni 100 % lill-kumpanija TAFISA u b'hekk hija sister company ta' Glunz, minħabba li ż-żewġ kumpaniji huma sussidjarji ta' TAFISA. OSBD kienet imwaqqfa fis-16 ta' Lulju 1999 u wara t-tlestija tal-proġett tal-investiment f'Nettgau bdiet bil-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-OSB.

2.3. *IL-PROĠETT TAL-INVESTIMENT*

(22) Il-post tal-investiment jinsab f'Nettgau (Sachsen-Anhalt), żona megħjuna skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE fejn l-intesità massima tal-għajnuna permissibbli għall-promozzjoni ta' investimenti ġodda minn kumpaniji kbar fil-ħin tan-notifika kienet ta' 35 % gross.

(23) Glunz u OSBD bnew ċentru integrat għall-ipproċessar tal-injam li kien jikkonsisti f'żewġ impjanti konnessi ma' xulxin fuq art li kienet għadha ma ġietx użata għal għanijiet kummerċjali. Fl-ewwel impjant, li jappartjeni lill-OSBD, jiġu manifatturati prodotti tal-OSB u fit-tieni impjant li jappartjeni lil Glunz, jiġu manifatturati particleboards. Il-Ġermanja tinforma li ż-żewġ linji tal-produzzjoni taż-żewġ impjanti huma konnessi flimkien b'infrastruttura teknika komuni. Il-folji tal-OSB u l-particleboards huma mbagħad proċessati u rfinuti mill-istess apparat tal-ixkatlar, apparat tal-kisi u tal-groove and tongue. Barra minn hekk, skont il-Ġermanja, frazzjonijiet fini li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-folji tal-OSB huma użati f'impjant ta' particleboards fil-qrib. Amministrazzjoni ċentrali tamministra ż-żewġ impjanti ikluži l-kummerċjalizzazzjoni, il-ksib u d-distribuzzjoni.

(*) Soġġetta għas-segretezza professjonali.

(24) Skont informazzjoni mill-Ġermanja, iċ-ċentru integrat għall-ipproċessar tal-injam ta' Glunz u OSBD joffri ħafna vantaġġi minħabba disinn aħjar tal-installazzjonijiet u tal-infrastruttura teknika komuni, speċjalment rigward l-ipproċessar tal-pannelli tal-injam immanifatturati. B'hekk huwa possibbli użu ottimu tal-għażla tal-injam, rendiment aħjar tal-materja prima u ċiklu intern ta' riċiklaġġ.

(25) Skont in-notifika tas-7 ta' Awwissu 2000, parti mill-għajnuna hija mogħtija lill-impjant tal-OSB u parti oħra lill-impjant tal-particleboards. L-għajnuna lill-impjant tal-OSB tammonta għal 28,61 miljun EUR fi spejjeż ta' investiment eliġibbli ta' 81,8 miljun EUR, li jikkorrispondu għal intensità ta' 35 % gross. L-għajnuna lill-impjant tal-particleboards tammonta għal 41,48 miljun EUR fi spejjeż ta' investiment eliġibbli ta' 117,6 miljun EUR, li jikkorrispondu għal intensità ta' 35 % gross.

(26) Fil-ħin tan-notifika l-Ġermanja stmat li jinħolqu 355 impjieg permanenti fiċ-ċentru integrat għall-ipproċessar tal-injam f'Nettgau, minnhom 234 fl-impjant tal-particleboards u 121 fl-impjant tal-OSB. Barra minn hekk, fiż-żoni megħjuna kellhom jinħolqu 520 impjieg indirett, fejn 33 minnhom ikunu assigurazzjoni tal-impjiegi eżistenti. L-investiment il-ġdid f'Nettgau kellu jsir bejn Jannar 2000 u l-aħħar tal-2002, u l-produzzjoni kienet maħsuba li tinbeda matul is-sena 2001. Operazzjoni sħiħa kellha tintlaħaq wara sentejn.

(27) Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-impjant il-ġdid tal-OSB kienet stmata b' […]m^3 għas-sena 2002. Il-kapaċità tal-prodotti tal-OSB tal-grupp TAFISA għas-sena 1999 kienet ta' […]m^3.

(28) Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-impjant tal-particleboards tal-grupp Glunz kienet ta' […] m^3 għas-sena 1999. Skont l-informazzjoni tal-Ġermanja l-kapaċità totali tal-produzzjoni għandha tiżdied għal […] m^3 permezz ta' […] m^3 tal-impjant ta' Nettgau.

III. RAĠUNIJIET GĦALL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA FORMALI TA' INVESTIGAZZJONI

(29) L-intensità massima tal-għajnuna li tista' tiġi approvata taħt il-QRM 1998 hija determinata fuq kalkolu li jinkludi numru ta' fatturi ta' valutazzjoni, b'mod partikolari l-fattur li jirrifletti s-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni fis-settur industrijali konċernat (Fattur T); dan il-fattur jista' jkollu wieħed minn erba' valuri: 0,25, 0,5, 0,75 jew 1. Dan il-fattur jista' jingħata l-valur 1 jekk is-settur industrijali (definit fil-livell ta' NACE l-aktar baxx) mhux konfrontat b'kapaċità żejda (test għal kapaċità żejda) u/jew jekk is-suq rilevanti (definit bħala l-prodott affettwat u s-sostituti tiegħu) mhux suq li qed jiċkien (test għal suq jiċkien).

(30) Fid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura skont l-Artikolu 108(2) TFUE, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti li għalih tappartjeni l-OSB, u b'hekk ma setgħetx tiddetermina jekk is-suq hux qed jiċkien jew le rigward l-iffissar tal-fattur tal-kompetizzjoni "T".

IV. KUMMENTI MILL-PARTIJIET INTERESSATI

(31) Fit-22 ta' Novembru 2005 il-Kummissjoni rċeviet dikjarazzjoni konġunta [11] minn kompetituri li jappartjenu lil KronoGroup Switzerland (Kronotex GmbH & Co. KG, Kronoply GmbH & Co. KG u Kronofrance S.A.).

(32) Fis-sottomissjoni tagħhom il-kumpaniji ta' KronoGroup argumentaw li s-suq għandu jkun definit biex jinkludi OSB u plywood magħmul minn injam artab. Biex jappoġġjaw din id-dikjarazzjoni l-partijiet irreferew għal studju ta' Jaakko Pöyry [12] u pubblikazzjoni tal-Finnish Forest Research Institute.

(33) Il-KronoGroup għamel dikjarazzjonijiet ulterjuri li jistgħu jiġu mqassra kif ġej:

(34) Il-KronoGroup isostni li għall-kalkulazzjoni ta' jekk is-suq kienx qiegħed jiċkien, il-Kummissjoni kellha tuża informazzjoni sas-sena 1999 peress li din id-dejta biss kienet disponibbli fil-ħin tad-deċiżjoni oriġinali tal-approvazzjoni (Lulju 2001) li kienet iżjed tard annullata mill-Qorti. Fil-perjodu 1995-1999, is-suq tal-particleboards kellu rata medja ta' tkabbir negattiva ta' – 4,626 %. Il-KronoGroup jirrikonoxxi madankollu li s-suq tal-particleboards fil-perjodu 1994-1999 kellu rata medja ta' tkabbir pożittiva ta' 0,456 % (għalkemm inqas mit-tkabbir tal-industrija tal-manifatura fiż-ŻEE kollha kemm hi).

(35) Il-KronoGroup isostni wkoll li l-Kummissjoni għandha tevalwa l-għajnuna lill-impjant tal-OSB u lill-impjant tal-particleboards separatament minflok tikkalkula intensità komuni għall-proġett kollu, peress li ż-żewġ investimenti, iż-żewġ linji tal-produzzjoni u ż-żewġ swieq tal-prodotti jistgħu jiġu separati minn xulxin b'mod ċar. Dan ikun ifisser li l-fatturi kollha tal-evalwazzjoni għandhom jiġu kkalkulati separatament għaż-żewġ impjanti.

[11] L-informazzjoni kienet sottomessa formament mill-uffiċċju legali Luther, Willma, Buchholz, Baierlein und Nierer f'isem il-kumpanija KronoGroup.

[12] " Structural Panel Supply and Demand in Europe ", 10 ta' Diċembru 2003

(36) Barra minn hekk, il-KronoGroup isostni li filwaqt li Glunz għamlet l-investiment f'Nettgau, għalqet l-impjant tal-particleboards f'Sassenburg (f'distanza ta' 30 km 'il bogħod, iżda fi stat Federali differenti, Niedersachsen ([13])). Il-grupp jikkwota artikli skont liema l-ħaddiema kollha fl-impjant ta' Sassenburg tħaddmu mill-impjant il-ġdid f'Nettgau. Dan huwa kuntrarju għall-għan tal-QRM 1998 li jinħolqu impjiegi f'żoni megħjuna għal nies lokali, u b'hekk dawn l-impjiegi m'għandhomx jiġu kkunsidrati fil-kalkoli tal-fatturi "Kapital/Impjiegi" u "Impatt Reġjonali" skont il-QRM 1998 (li t-tnejn jiddependu min-numru ta' impjiegi maħluqa mill-investiment).

(37) Finalment, il-KronoGroup isostni li l-Kummissjoni kellha tordna l-irkupru proviżorju tal-għajnuna skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 (Inġunzjoni ta' rkupru għal għajnuna kontra l-liġi), peress li Glunz u OSB irċevew vantaġġi kompetittivi sinifikanti mill-għajnuna mħallsa parzjalment.

V. **KUMMENTI MILL-ĠERMANJA**

(38) Il-kummenti mgħoddija mill-Ġermanja huma mqassra kif ġej.

5.1. *KUMMENTI RIGWARD ID-DEFINIZZJONI TAS-SUQ RILEVANTI GĦAL OSB*

(39) Il-Ġermanja tqis li s-suq rilevanti għal OSB jikkonsisti minn OSB u plywood fl-użu finali tal-imballaġġ, ċnut, qafas tas-soqfa, kisi tal-pavimenti kif ukoll pannelli tal-ħitan. Dan is-suq mhux suq li qed jiċkien.

(40) L-oqsma tal-applikazzjoni li fihom l-OSB huwa użat bħala sostitut għall-plywood jikkorrispondu l-biċċa l-kbira mal-oqsma tal-applikazzjoni ewlenin ta' plywood magħmul minn injam artab. Madankollu fl-oqsma ta' applikazzjoni ewlenin ta' plywood magħmul minn injam iebes (industrija tal-għamara, industrija tal-kostruzzjoni u tagħmir ta' vetturi tat-trasport) OSB ma jistax jintuża minħabba l-karatteristiċi tekniċi tiegħu. Għalhekk l-inklużjoni ta' OSB fis-suq globali ta' plywood magħmul minn injam iebes u artab ma tkunx tikkorrispondi mal-kundizzjonijiet attwali fis-swieq ikkonċernati. Dan huwa kkonfermat fir-rapport tal-21 ta' Ottubru 2005 imħejji minn Jaakko Pöyry.

(41) Jaakko Pöyry jistma l-perċentwali li ġejjin għall-potenzjal ta' sostituzzjoni ta' OSB fl-oqsma ta' applikazzjoni msemmija hawn fuq: Imballaġġ 40-60 %; ċnut 70-80 %; qafas tas-soqfa 70-90 %; kisi tal-pavimenti 50-80 %; pannelli tal-ħitan 70-90 %.

(42) Fl-industrija tal-għamara, OSB mhux adattat għall-użu viżwali minħabba l-karatteristiċi tal-wiċċ. Il-wiċċ tal-OSB mhux viżwalment attraenti minħabba l-proċess tal-manifattura minn strixxi allinjati tal-injam (oriented strands) li jagħmluh raff u irregolari. L-OSB għalhekk ma jistax jiġi miksi b'mod dekorattiv. OSB huwa adattat biss għal partijiet tal-għamara li mhumiex viżibbli (eż. sottostruttura ta' għamara miksija). Madankollu, fil-qasam tal-partijiet tal-għamara li mhumiex viżibbli, OSB ma jistax jikkompeti mal-particleboards li huma ferm irħas u li huma ġeneralment użati f'dan il-kuntest.

(43) Fl-industrija tal-kostruzzjoni (xaters għall-konkrit) huwa kruċjali li għall-konkrit mferra', il-wiċċ tal-materjal tax-xaters ikun lixx. Minħabba l-irregolaritajiet relatati mal-proċess, OSB għandu jiġi miksi b'mod speċjali fil-qasam tal-konkrit espost biex jassigura wiċċ lixx tal-konkrit espost. Dan l-ipproċessar ulterjuri huwa impenjattiv u jgħolli l-prezz tal-prodott finali. Meta mqabbel mal-plywood, OSB huwa kompetittiv biss jekk jista' jiġi użat ripetutament bħala xaters tal-konkrit. Madankollu, għal raġunijiet prattiċi dan mhux awtomatikament garantit. Peress li l-folji huma użati ħafna fuq is-sit tal-kostruzzjoni, dan jista' jwassal għal ħsara tal-wiċċ. Madankollu, jekk jidhru xquq, jeżisti l-periklu li l-folja tal-OSB timbaram bl-effett tal-ilma/umdità jew b'xi mod ieħor. Għalhekk, l-użu ripetut ta' OSB ta' kwalità għolja mhux neċessarjament possibbli. Ma' din jiżdiedu l-instabilità u s-suxxettibilità għall-umdità tat-truf tal-folji tal-OSB. Barra minn hekk, materjal użat bħala xater għal konkrit jeħtieġ tensjoni għolja u qawwa flessurali. F'dan ir-rigward, OSB ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-industrija tal-kostruzzjoni fuq materjali tax-xaters tal-konkrit. Plywood magħmul minn injam artab min-naħa l-oħra huwa adattat għal dan l-użu minħabba l-prezz relattivament baxx u l-wiċċ lixx tiegħu, li jidher ukoll fil-volum attwalment użat fl-industrija tal-kostruzzjoni.

(44) Fil-qasam tal-vetturi tat-trasport wiċċ lixx huwa wkoll importanti, peress li l-folji użati huma ta' spiss miksija. Kisi ta' OSB mhuwiex ġeneralment prattikabbli għal ħafna raġunijiet. Anke jekk OSB jinkesa eż. bil-karta melamina, minħabba li l-wiċċ mhux lixx jeżisti r-riskju li l-kisja tinqasam. Waqt it-tagħbija permezz ta' trakk tat-tagħbija, tkun eżerċitata pressa fuq ċerti pożizzjonijiet fuq il-wiċċ. Jeżisti r-riskju li f'dawn il-każijiet f'ambjent niedi jew imxarrab, jidħol ilma fil-folja li jikkaġuna li l-folja timbaram jew titgħawweġ. Kisi stabbli tal-wiċċ huwa assigurat biss permezz ta' proċess ulterjuri elaborat. Il-wiċċ ta' OSB, b'kuntrast ma' plywood magħmul minn injam iebes li minħabba l-ebusija tal-wiċċ tiegħu huwa relattivament inqas sensittiv għal grif u tagħfis eċċ,

([13]) Dan ir-reġjun ma kienx reġjun megħjun skont il-mappa tal-għajnuna reġjonali tal-Ġermanja fil-perjodu 2000 sa 2006.

huwa altrimenti mhux reżistenti biżżejjed biex jiflaħ għal piż u l-effetti ta' pressa fil-qasam tat-trasport.

(45) L-evalwazzjoni tas-sostitwibbiltà bejn OSB u plywood magħmul minn injam artab min-naħa waħda kif ukoll plywood magħmul minn injam iebes min-naħa l-oħra hija essenzjalment dwar il-karatteristiċi tekniċi u l-possibiltajiet tal-użu ta' OSB kif ukoll dwar id-differenza fil-prezz meta mqabbel ma' plywood magħmul minn injam iebes. Filwaqt li plywood magħmul minn injam iebes huwa superjuri għal plywood magħmul minn injam artab u OSB fl-aspetti tekniċi kollha, id-differenza fil-prezz bejn plywood magħmul minn injam iebes fuq naħa waħda u OSB u plywood magħmul minn injam artab fuq in-naħa l-oħra jfisser li plywood magħmul minn injam iebes mhuwiex daqshekk kompetittiv fl-oqsma ta' applikazzjoni dominati minn OSB u plywood magħmul minn injam artab. Ikun għalhekk żbaljat li wieħed jassumi sostitwibbiltà bejn OSB u t-tipi kollha ta' plywood, inkluż plywood magħmul minn injam iebes.

(46) Jeżisti suq komuni bejn is-suq għal OSB u plywood fl-użu finali tal-imballaġġ, ċnut, qafas tas-soqfa, kisi tal-pavimenti kif ukoll pannelli tal-ħitan min-naħa waħda u s-suq għal OSB u plywood magħmul minn injam artab min-naħa l-oħra. L-unika differenza bejn iż-żewġ definizzjonijiet tas-swieq hija fil-qasam tal-industrija tal-kostruzzjoni (xaters tal-konkrit). OSB mhux adattat għal dan il-qasam, filwaqt li plywood magħmul minn injam artab huwa definittivament użabbli f'dan il-qasam u fil-fatt huwa użat. Il-messaġġ ċentrali huwa li plywood magħmul minn injam iebes m'għandux jiġi inkluż fis-suq għal OSB.

5.2. *KUMMENTI DWAR L-IŻVILUPP TAS-SUQ GĦAL PARTICLEBOARDS*

(47) Il-Ġermanja tqis li l-fattur tal-kompetizzjoni għandu jiġi stabbilit għal 1 għas-suq ta' particleboards. Dan is-suq m'għandux jitqies li qed jonqos peress li kellu tendenza ta' tkabbir qawwija skont punt 7.8 tal-QRM 1998.

(48) Għal dan il-għan il-Ġermanja ssottomettiet rapport mill-Professur Stefan Collignon (Harvard University, Minda de Gunzburg Center for European Studies) ([14]), li jgħid li s-suq tal-particleboards fil-perjodu minn 1972 sa 2003 it-tkabbir fit-tul kien ta' 36 % iżjed mgħaġġel mill-industrija tal-manifattura kollha. Il-Ġermanja hija tal-opinjoni li skont punt 7.8 tal-QRM 1998 is-suq tal-particleboards ma jistax jitqies li qiegħed jonqos fid-dawl ta' dan it-tkabbir fit-tul.

5.3. *KUMMENTI DWAR L-ALLOKAZZJONI TAL-INTENSITÀ TAL-GĦAJNUNA LILL-PARTIJIET TAL-PROĠETT*

(49) Fl-opinjoni tal-Ġermanja, jekk il-Kummissjoni madankollu tikkunsidra li l-fattur tal-kompetizzjoni "T" għas-suq tal-particleboards huwa ta' 0,75, filwaqt li għal OSB huwa ta' 1, l-intensità tal-għajnuna komuni għandha tiġi determinata għall-proġett kollu f'Nettgau fuq il-bażi tal-marġini tal-kontribuzzjonijiet taż-żewġ linji tal-produzzjoni, jiġifieri għall-produzzjoni ta' OSB u particleboards.

(50) Il-marġini tal-kontribuzzjonijiet huwa dak l-ammont minfuq minn prodott biex ikopri l-ispejjeż fissi u biex jinkiseb il-profitt nett tal-kumpanija. Huwa kkalkulat bħala d-differenza bejn id-dħul u l-ispejjeż varjabbli li huma kkawżati direttament mill-prodott.

(51) Permezz tal-użu tal-marġini tal-kontribuzzjonijiet bħala referenza, l-intensità tal-għajnuna lill-partijiet individwali tal-proġett f'Nettgau tiġi distribwita b'mod korrispondenti għall-kontribut attwali ta' OSB u particleboards, bħala prodotti, għar-riżultat operattiv.

5.4. *KUMMENTI DWAR OPINJONIJIET OĦRA TAL-KRONOGROUP*

(52) Il-Ġermanja targumenta li l-evalwazzjoni tal-għajnuna għandha tkun ibbażata fuq il-fatti fil-ħin tan-notifika fis-7 ta' Awwissu 2000.

(53) Skont il-Ġermanja dan jirriżulta mill-interpretazzjoni tal-QRM 1998. Il-Ġermanja tirreferi għal punt 3.1 tal-QRM 1998 li tipprovdi li l-intensità massima tal-għajnuna permissibbli hija ddeterminata fuq il-bażi tal-limitu tal-għajnuna reġjonali fil-ħin tan-notifika. Barra minn hekk, skont punt 3.1 tal-QRM 1998, is-sehem tas-suq għandu jiġi evalwat qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna. Fl-Anness għall-QRM 1998 fit-taqsima "Ex-post monitoraġġ" hija prevista l-possibbiltà li l-Kummissjoni tivverifika l-eżatezza tal-informazzjoni provduta fl-applikazzjoni.

(54) Il-Ġermanja tallega wkoll li fil-ħin tal-applikazzjoni l-informazzjoni dwar il-konsum apparenti għas-sena 1999 ma kinitx disponibbli. Fi kwalunkwe każ għad-determinazzjoni meħtieġa tar-rata medja ta' tkabbir annwali tal-konsum apparenti skont il-punt 7.8 tal-QRM 1998 huma neċessarji l-figuri għall-konsum apparenti għal sitt snin u mhux għal ħames snin kif sottomess mill-KronoGroup. Dan huwa minħabba l-fatt li r-rata ta' tkabbir għal sena partikolari hija kkalkulata bi tqabbil tal-konsum f'sentejn konsekuttivi.

(55) Rigward it-trasferiment allegat ta' impjiegi, il-Ġermanja kkonfermat l-għeluq tal-fabbrika f'Sassenburg. Il-Ġermanja spjegat f'dan ir-rigward li l-impjant ta' Sassenburg kien l-eqdem impjant ta' particleboards ta' Glunz u kien qed jagħmel telf sostanzjali. Għalhekk dan l-impjant ma kellux ċans jirkupra iżjed u kellu jingħalaq irrispettivament mill-investiment il-ġdid f'Nettgau. […] impjegat li qabel kienu impjegati f'Sassenburg, ġew trasferiti f'Nettgau ([…] % tal-impjegati hemmhekk).

([14]) Prof. Collignon huwa membru tal-Bord ta' Glunz AG.

(56) Fil-kummenti tagħha rigward l-osservazzjonijiet tal-KronoGroup, il-Ġermanja żżid li l-QRM 1998 jesiġi biss li l-impjiegi l-ġodda jinħolqu fir-reġjun megħjun, iżda mhux li jkunu mimlija b'impjegati mir-reġjun. L-għan ewlieni huwa li jippromwovi l-iżvilupp tar-reġjun megħjun.

(57) Il-Ġermanja indikat li parti mill-makkinarju kienet ġiet trasferita minn Sassenburg għal Nettgau; dawn il-magni ma kinux inklużi fl-ispejjeż eliġibbli tal-proġett u b'hekk it-trasferiment ma kienx rilevanti għall-għajnuna. Fi kwalunkwe każ, b'valur kontabbli ta' madwar […] EUR dawn il-magni jirrappreżentaw proporzjon żgħir tal-proġett totali tal-investiment.

VI. VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

(58) Il-valutazzjoni hija bbażata fuq il-fatti, figuri u sitwazzjonijiet li kienu magħrufa fil-ħin tan-notifika fis-7 ta' Awwissu 2000. Peress li min-notifika oriġinali u d-deċiżjoni kurrenti għadda ż-żmien, mhuwiex eskluż li s-sitwazzjonijiet setgħu nbidlu, is-swieq komplew jiżviluppaw u l-fatti li jikkonċernaw il-proġett setgħu żviluppaw differenti milli kif oriġinarjament ippjanat. Madankollu, dan ma jistax jiġi kkunsidrat fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Fil-prinċipju, il-Kummissjoni għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha qabel l-implimentazzjoni attwali tal-investiment skont l-estimi ta' żviluppi għall-futur u l-istatistika tas-suq. Jekk jirriżulta li ftit snin wara pereżempju s-swieq żviluppaw b'mod differenti, l-intensità tal-għajnuna ma tiġix aġġustata sussegwentement. Għalkemm il-Kummissjoni f'dan il-każ għandha tieħu deċiżjoni iżjed minn 10 snin wara n-notifika oriġinali, l-evalwazzjoni tagħha għandha tkun ibbażata fuq il-fatti u s-sitwazzjonijiet li kienu magħrufa fil-ħin tan-notifika u mhux fuq informazzjoni sussegwenti.

6.1. *EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA SKONT ARTIKOLU 107(1) TFUE*

(59) L-għajnuna eżistenti ngħatat minn Stat Membru minn fondi tal-istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE (ara Taqsima 2.1 ta' din id-deċiżjoni). L-għajnuna tagħti vantaġġ lil Glunz u OSBD għaliex kieku kien ikollhom iġorru l-ispejjeż tal-investiment waħedhom. Peress li volum sinifikanti tal-folji tal-injam in kwistjoni huma trasportati fuq fruntieri internazzjonali, jeżisti kummerċ internazzjonali fil-qasam tal-industrija tal-injam ikkonċernat bejn l-Istati Membri. B'hekk vantaġġ finanzjarju mogħti liż-żewġ kumpaniji jista' jgħawweġ il-kompetizzjoni b'tali mod li jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. B'konsegwenza, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżura notifikata tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lil Glunz AG u OSBD fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFEU.

6.2. *OBBLIGU TA' NOTIFIKA*

(60) Skont l-Artikolu 108(3) TFEU l-Istati Membru għandhom jinnotifikaw il-miżuri tal-għajnuna kollha qabel l-implimentazzjoni tagħhom. L-għajnuna proposta hija mogħtija fil-kuntest ta' żewġ skemi reġjonali ta' għajnuna approvati mill-Kummissjoni.

(61) Madankollu, skont il-QRM 1998 l-intensità tal-għajnuna għal proġetti kbar ta' investiment hija eskluża mill-iskop ta' skemi approvati jekk l-għajnuna rilevanti taqbeż ċerti limiti.

(62) L-ammont ta' għajnuna proposta jammonta għal EUR 69 797 988. Jekk wieħed jassumi li l-għajnuna tikkonċerna proġett ta' investiment wieħed, l-obbligu ta' notifika skont punt 2.1.(ii) tal-QRM 1998 hija sodisfatta peress li l-għajnuna totali hija iżjed minn 50 miljun EUR.

(63) Kif imsemmi fit-Taqsima 2.3 ta' din id-deċiżjoni, il-Ġermanja spjegat fid-dettall fid-dikjarazzjoni tagħha li din l-għajnuna tikkonċerna proġett ta' investiment wieħed.

(64) Skont punt 7.2 sottoparagrafu 2 tal-QRM 1998, proġett ta' investiment m'għandux jinqasam artifiċjalment f'sub-proġetti biex jevita l-obbligu ta' notifika. F'dan il-każ dan xorta ma jseħħx. Anke jekk jiġi kkunsidrat li l-investiment jikkonċerna żewġ proġetti separati, l-għajnuna tal-investiment għall-impjant ta' Glunz u l-impjant ta' OSBD għandhom jiġu notifikati.

(65) Il-Kummissjoni tikkonkludi għalhekk li l-għajnuna għandha tiġi notifikata u evalwata skont l-QRM 1998.

6.3. *IT-TLIET KRITERJI TA' EVALWAZZJONI TAL-QRM 1998*

(66) Skont QRM 1998, sabiex tiddetermina l-intensità massima permissibbli għall-għajnuna, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-intensità massima tal-għajnuna (limitu ta' għajnuna reġjonali) li tista' takkwista kumpanija fiż-żona megħjuna kkonċernata fil-kuntest ta' skema reġjonali ta' għajnuna approvata applikabbli fil-ħin tan-notifika.

(67) Peress li n-notifika saret fis-7 ta' Awwissu 2000, il-mappa ta' żona megħjuna 2000-2006 hija aplikabbli ([15]). Nettgau (Sachsen-Anhalt) tinsab f'żona megħjuna skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE, b'limitu massimu ta' 35 % tal-Ekwivalenti tal-Għotja Gross (GGE) fil-ħin tan-notifika. Il-Kummissjoni tinnota li l-intensità ppjanata ta' 35 % gross ma taqbiżx il-limitu ta' għajnuna reġjonali fis-seħħ.

(68) Skont il-QRM 1998 il-Kummissjoni għandha tapplika tliet fatturi ta' aġġustament fuq il-perċentwali ta' 35 % sabiex tiddetermina l-intensità massima permissibbli għall-għajnuna tal-proġett: il-Fattur tal-Kompetizzjoni (T), il-fattur "Kapital/Impjiegi" (I) u l-fattur "Impatt Reġjonali" (M).

([15]) ĠU C 340, 27.11.1999, p. 8.

(69) Kif diġà msemmi, il-KronoGroup isostni li l-Kummissjoni għandha tevalwa l-għajnuna lill-impjant tal-OSB u l-għajnuna lill-impjant tal-particleboards b'mod separat, u mhux intensità ta' għajnuna għal proġett wieħed, peress li ż-żewġ investimenti u ż-żewġ swieq tal-prodotti jistgħu jiġu separati b'mod ċar.

(70) Il-Kummissjoni tinnota f'dan ir-rigward li t-terminu "proġetti ta' investiment" huwa definit fil-punt 7.2 QRM 1998 bħala investiment kapitali ta' kumpanija għall-istabbiliment jew espansjoni ta' operat jew bidu ta' attività li twassal għal prodott għal kollox ġdid jew bdil fundamentali fil-proċess ta' operat eżistenti.

(71) Il-Ġermanja tipprovdi argumenti dettaljati dwar il-konnessjonijiet bejn iż-żewġ impjanti mibnija fuq l-istess sit miż-żewġ kumpaniji tal-istess grupp. Il-linji tal-produzzjoni taż-żewġ impjanti huma konnessi flimkien permezz ta' infrastruttura teknika komuni. Il-folji ta' OSB u particleboards huma pproċessati u raffinati fuq l-istess apparat tal-ixkatlar, tal-kisi u tal-groove and tongue. Barra minn hekk, il-frazzjonijiet fini li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-folji OSB huma użati fl-impjant tal-particleboards fil-viċin. Barra minn hekk, amministrazzjoni ċentrali tamministra ż-żewġ impjanti inklużi l-kummerċjalizzazzjoni, il-ksib u d-distribuzzjoni.

(72) Minħabba l-konnessjonijiet tekniċi, funzjonali u amministrattivi mill-qrib li jeżistu bejn iż-żewġ impjanti mibnija fuq l-istess sit, il-Kummissjoni tikkonsidra li l-investiment fl-impjant ta' OSB u particleboards jikkonsisti fi proġett ta' investiment wieħed, jiġifieri investiment għat-twaqqif ta' operat. B'konsegwenza l-intensità massima għall-għajnuna hija kkalkulata għal dan il-proġett tal-investiment globali.

6.3.1. IL-FATTUR TAL-KOMPETIZZJONI (T)

6.3.1.1. ***Dispożizzjonijet rilevanti***

(73) Skont punt 3.2 QRM 1998 l-awtorizzazzjoni għall-għajnuna lill-kumpaniji li joperaw f'setturi b'kapaċità strutturali żejda toħloq riskji partikolari ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni. Kwalunkwe żieda fil-kapaċità li mhix ikkumpensata minn tnaqqis fil-kapaċità f'post ieħor, tiggrava l-problema ta' kapaċità strutturali żejda. Il-Kummissjoni tinnota li l-proġett notifikat joħloq kapaċità addizzjonali fis-suq intern. L-evalwazzjoni tal-fattur tal-kompetizzjoni għalhekk għandha teżamina jekk il-proġett iseħħx f'settur/subsettur b'kapaċità żejda strutturali.

(74) Skont punt 3.3 QRM 1998, meta biżżejjed informazzjoni dwar l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tkun disponibbli, il-Kummissjoni għandha tillimita l-analiżi tagħha għad-determinazzjoni tal-fattur tal-kompetizzjoni għall-preżenza possibbli ta' kapaċità żejda strutturali/għolja fis-settur jew subsettur konċernat.

(75) Skont punt 3.4 QRM il-Kummissjoni tikkunsidra jekk l-investiment iseħħx f'suq li qed jiċkien biss f'każ ta' nuqqas ta' informazzjoni fuq l-utilizzazzjoni tal-kapaċità. Wara s-sentenza tal-Qorti T27/02 Kronofrance/Kummissjoni, il-punti 3.4 u 3.10 QRM għandhom jiftiehmu li fejn l-informazzjoni dwar l-utilizzazzjoni tal-kapaċità fis-settur konċernat ma tippermettix lill-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni pożittiva li teżisti kapaċità strutturali żejda, il-Kummissjoni għandha tikkonsidra jekk is-suq in kwistjoni hux qed jiċkien. Bis-sentenza Ġermanja et al./Kronofrance il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali.

(76) Għalhekk, il-Kummissjoni teżamina l-ewwel nett jekk għandhiex biżżejjed informazzjoni dwar l-utilizzazzjoni tal-kapaċità. Jekk dan mhuwiex il-każ jew din l-informazzjoni turi li ma hemm l-ebda kapaċità żejda strutturali, il-Kummissjoni tivverifika jekk is-suq hux qed jiċkien fuq il-bażi tal-informazzjoni dwar il-konsum apparenti. Skont punt 3.6 QRM il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk il-benfiċjarji kellhomx diġà 40 % sehem tas-suq qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna.

(77) L-istatistika tas-suq dwar l-utilizzazzjoni tal-kapaċità għandha tiġi stabbilita fuq il-livell l-aktar baxx tal-klassifika NACE. Barra minn hekk, sabiex tistabbilixxi jekk is-suq hux qed jiċkien u jekk il-limitu tas-sehem tas-suq hux maqbuż, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi s-suq rilevanti tal-prodotti milquta mill-proġett tal-investiment.

6.3.1.2. ***Prodotti milquta***

(78) Il-proġett ta' investiment jinvolvi l-produzzjoni ta' OSB (Oriented Strand Board) u particleboards.

(79) Particleboards huma magħmula minn laqx ta' ċana roundwood u/jew ċana riċiklata li huma magħquda flimkien bi preparazzjoni li tgħaqqad organika. Dawn jintużaw prinċiparjament fl-industrija tal-għamara u d-disinn interjuri.

(80) Folji OSB huma magħmula minn ċana tal-arżnu mmuntati fi tliet saffi. OSB huwa użat primarjament fil-kostruzzjoni ta' djar prefabbrikati, fl-industrija tal-imballaġġ u għar-rinnovazzjoni ta' bini antik. OSB kien żviluppat

fis-snin ħamsin fl-Amerika ta' Fuq. Fis-snin tmenin u disgħin stabbilixxa ruħu fis-suq tal-folji tal-injam u huwa spiss użat bħala sostitut għal plywood (magħmul minn injam artab) li hu aktar għali.

6.3.1.3. ***Suq rilevanti***

(81) Skont punt 7.6 QRM 1998 is-suq rilevanti tal-prodott jinkludi l-prodotti tal-proġett tal-investiment u dawk il-prodotti kkunsidrati mill-konsumatur (minħabba l-karatteristiċi partikolari tal-prodotti, il-prezzijiet tagħhom u l-użu maħsub tagħhom) jew mill-manifattur (minħabba l-flessibbiltà tal-linji tal-produzzjoni) bħala sostitwiti tagħhom. Is-suq rilevanti ġeografiku jikkomprendi ġeneralment iż-ŻEE jew, alternattivament, kwalunkwe parti sinifikanti minnha jekk il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni f'din iż-żona huma distinti biżżejjed minn żona oħra taż-ŻEE.

Suq rilevanti tal-prodott

(82) Il-proġett jikkonċerna l-produzzjoni ta' OSB u particleboards. Skont il-Ġermanja, fil-linji tal-produzzjoni ma jistgħux jiġu manifatturati aktar prodotti distinti iżda biss varjazzjonijiet tal-istess prodotti, manifatturati bi kwalità differenti tal-wiċċ. Konsegwentement min-naħa tal-manifattura hija eskluża sostituzzjoni permezz ta' flessibiltà tal-istallazzjonijiet tal-produzzjoni.

(83) Min-naħa tad-domanda, OSB u particleboards huma sostitwibbli sa ċertu punt, b'mod partikulari fil-kostruzzjoni ta' djar prefabbrikati. Madankollu, din is-sostitwizzjoni taffettwa inqas minn 10 % tas-suq u għalhekk hija limitata ħafna ([16]). Dan huwa dovut għall-użu finali diversi u d-differenza sostanzjali fil-prezz (285 EUR/m^3 għal OSB u EUR 117/m^3 għal particleboards). Il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sostitwibbiltà hija għalhekk baxxa wisq biex tiġġustifika l-assenjazzjoni ta' OSB u particleboards lill-istess suq tal-prodott.

(84) Fid-deċiżjoni tagħha biex tibda l-proċedura skont l-Artikou 108(2) TFUE l-Kummissjoni qieset li particleboards jikkostitwixxu suq tal-prodott separat. Peress li din l-opinjoni ma ġietx ikkontestata, il-Kummissjoni tikkonkludi li għall-għanijiet ta' din il-valutazzjoni particleboards jikkostitwixxu suq rilevanti tal-prodott separat.

([16]) Jaako Pöyry Consulting: "The Development of Wood-Based Panel Industry – Capacity Utilisation Rate and Substitution between OSB and Particle board in the European Economic Area 1993-1998", 20 ta' Ġunju 2000.

(85) Rigward OSB id-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura skont l-Artikolu 108(2) TFUE ġie indikat li fiż-ŻEE jeżisti ammont ta' sostitwibbiltà bejn OSB u (ċerti tipi/kategoriji ta') plywood.

(86) Plywood huwa prodott kompost mill-injam u polimer u huwa versatili. Jikkonsisti bażikament minn numru fard ta' saffi rqaq tal-injam magħquda flimkien permezz ta' kolla sintetika jew naturali biex jiffurmaw fuljetta. Plywood jista' jkun magħmul minn injam artab jew injam iebes. Injam artab bħal fir, spruce u siġar tal-prinjol huma koniferi li (ġeneralment) iħaddru s-sena kollha (it-terminu ma jirreferix għal-ebusija tal-injam), u injam iebes huwa injam minn siġar b'weraq wesgħin li jagħmlu l-frott jew il-ġewż u fil-parti l-kbira tagħhom ikunu reqdin fix-xitwa.

(87) Sabiex tinkiseb ċarezza dwar il-grad ta' sostitwibbiltà ta' OSB u tipi/kategoriji differenti ta' plywood, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet biex jikkummentaw fuq id-delimitazzjoni tas-suq rilevanti li jappartjeni għalih OSB.

(88) Mill-kummenti sottomessi mill-Ġermanja u KronoGroup, wieħed mill-kompetituri ewlenin tal-benefiċjarju, jidher ċar li s-suq rilevanti OSB u plywood jikkonsisti fl-użu finali tal-imballaġġ, ċnut, qafas tas-soqfa, kisi tal-pavimenti kif ukoll pannelli tal-ħitan. Huwa biss f'dawn l-użi finali li l-potenzjal tas-sostituzzjoni bejn OSB u plywood huwa ta' iżjed minn 50 %. Min-naħa l-oħra minħabba l-karatteristiċi differenti tal-materjal il-potenzjal tas-sostituzzjoni fil-vetturi tat-trasport (proporzjon saħħa/piż) u fl-industrija tal-għamara (proprjetajiet viżwali) huwa pjuttost baxx (inqas minn 20 %). Dawn l-argumenti u l-grad ta' sostitwibbiltà skont l-użu finali kienu kkonfermati minn studji li saru minn Jaakko Pöyry ([17]).

(89) L-użi finali msemmija fil-paragrafu 88 huma kważi identiċi ma' dawk ta' plywood magħmul minn injam artab (l-unika differenza hija li plywood magħmul minn injam artab huwa użat fl-industrija tal-kostruzzjoni b'kuntrast ma' OSB). Min-naħa l-oħra OSB u plywood magħmul minn injam iebes ma jissostitwixxux lil xulxin biżżejjed biex jiġġustifika l-assenjazzjoni lill-istess suq rilevanti.

(90) Għalhekk il-Kummissjoni tiddefinixxi s-suq rilevanti li għalih jappartjeni OSB bħala s-suq għal OSB u plywood fl-użi finali tal-imballaġġ, ċnut, qafas tas-soqfa, kisi tal-pavimenti kif ukoll pannelli tal-ħitan, li ġeneralment jikkorrispondi mas-suq ta' OSB u plywood magħmul minn injam artab.

([17]) "Expert Opinion on OSB Substitution Potential of Plywood and Mill Capacity Calculations". Jaakko Pöyry, 15 ta' Settembru 2000. "Substitution between OSB and Plywood in the European Economic Area". Jaakko Pöyry, 13 ta' Frar 2001.

Suq rilevanti ġeografiku

(91) Għalkemm ammont sinifikanti ta' folji tal-injam huma trasportati bejn il-fruntieri, dan huwa prodott goff u tqil. B'konsegwenza, it-trasport fuq distanzi twal huwa għali wisq, u t-trasport huwa limitat għal distanzi ta' madwar 800 km. Iż-żoni individwali ta' provvista jistgħu jiġu deskritti bħala ċrieki li jirkbu fuq xulxin bl-impjant tal-produzzjoni rispettiv bħala ċ-ċentru. Minħabba li l-impjanti individwali tal-produzzjoni huma mifruxa u ż-żoni naturali tal-provvista jirkbu fuq xulxin, l-effetti jistgħu jiġu trażmessi minn ċirku għall-ieħor, u għalhekk wieħed jista' jassumi li s-suq rilevanti ġeografiku għaż-żewġ prodotti konċernati hija ż-ŻEE ([18]).

6.3.1.4. ***Informazzjoni dwar l-utilizzazzjoni tal-kapaċità***

(92) Skont punt 7.7 QRM 1998 huwa meqjus li teżisti kapaċità żejda strutturali jekk ir-rata medja tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità tas-(sub)settur rispettiv matul l-aħħar ħames snin kienet iżjed minn żewġ punti perċentwali taħt dik tal-industrija tal-ipproċċessar kollha. Huwa meqjus li teżisti kapaċità żejda strutturali serja jekk id-differenza mqabbla mal-medja tal-industrija tal-manifattura hija iżjed minn ħames punti perċentwali.

(93) Skont in-nota ta' qiegħ il-paġna 13 QSM 1998 l-istatistika tas-suq dwar l-utilizzazzjoni tal-kapaċità għandha tiġi determinata fuq il-livell l-aktar baxx tal-klassifika NACE. Il-Kummissjoni tikkonsidra li l-produzzjoni ta' particleboards u OSB minn Glunz u OSBD tikkorrispondi mal-klassifika NACE 20.20 (manifattura tal-fuljetta, plywood, fibreboard u particleboards) peress li l-produzzjoni ta' particleboards, plywood u OSB jammonta għal 81 % tal-produzzjoni tal-folji tal-injam fl-Ewropa ([19]). Il-Kummissjoni għalhekk tqis li huwa xieraq li l-valutazzjoni tagħha tkun ibbażata fuq l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-klassifika NACE 20.20.

(94) Il-Ġermanja pprovdiet figuri dwar ir-rata medja annwali tal-kapaċità għas-snin 1994 sa 1998 (fil-ħin tan-notifika kienet disponibbli l-informazzjoni għal dawn il-ħames snin) fiż-ŻEE għall-klassifika NACE 20.20 fir-rigward tal-manifattura tal-folji tal-injam. Din l-informazzjoni, meħuda minn studju ta' espert indipendenti ([20]), tissodisfa l-ħtiġijiet ta' punt 7.7 QRM 1998 peress li tikkorrispondi mas-settur fil-livell l-aktar baxx tal-klassifika NACE.

(95) L-espert iddefinixxa l-bażi tal-kapaċità annwali bħala l-kapaċità tal-ġurnata (23 siegħa) ta' linja tal-produzzjoni fuq 300 jum kull sena. Il-bażi għall-kalkolu tal-kapaċità annwali ġiet ikkalkulata permezz tal-informazzjoni tal-industrija u d-database tal-espert (Wood-Based Panel Mill Databank), li fihom informazzjoni dwar il-kapaċità tal-impjanti individwali u linji ta' pressa. Il-kapaċità kkalkulata (23 siegħa/300 jum) tikkonsidra d-differenzi fit-tip/età tal-magni u konfigurazzjoni tal-impjanti.

(96) L-istudju jikkonkludi li r-rata annwali tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità bejn is-sena 1994 u 1998 (fil-ħin tan-notifika kienet disponibbli l-informazzjoni għal dawn il-ħames snin) fiż-ŻEE kien ta' 88,8 % għal particleboards, 80,4 % għal OSB, 88,8 % għal particleboards u OSB flimkien, u ta' 85 % għall-folji tal-injam (NACE 20.20).

(97) Ir-rata tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità għall-industrija tal-folji tal-injam (NACE 20.20) fiż-ŻEE hija dettaljata fit-tabella li ġejja:

	1994	1995	1996	1997	1998
Produzzjoni totali (f'1 000 m^3)	30,673	32,412	32,566	35,178	36,481
Kapaċità totali (f'1 000 m^3)	36,776	37,148	40,034	40,545	41,787
Rata ta' utilizzazzjoni	**83 %**	**87 %**	**81 %**	**87 %**	**87 %**

(98) Il-Kummisjoni qieset ukoll studju ieħor ([21]) li sar f'isimha. Dan l-istudju kien ibbażat fuq kapaċità ta' 22 siegħa kuljum u 345 ġurnata fis-sena għas-snin 1995 sa 1997 u rriżulta f'utilizzazzjoni tal-kapaċità medja ta' 81,8 %. Dan l-istudju jidher li hu bbażat biss fuq il-kapaċità annwali mejda ta' faċilitajiet moderni; barra minn hekk ma jipprovdix informazzjoni għall-bqija tas-snin tal-perjodu 1994 sa 1998.

([18]) Ara wkoll Każ Nru IV/M.599, Noranda Forest/Glunz (ĠU C 298, 11.11.1995).

([19]) Michel Vernois, Centre Technique du Bois et de l'Ameublement, Paris, Gutachterbericht "Market Structure and Competition in the European Wood Industry", 2001

([20]) Jaako Pöyry Consulting: "The Development of Particle board and OSB Consumption and Capacity Utilisation Rate in the EEA 1993-1998", 14 ta' April 2000.

([21]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 19.

(99) Skont punt 3.1 QRM 1998 il-Kummissjoni tista' tinkludi informazzjoni indipendenti esterna għall-evalwazzjoni tal-impatti probabbli fuq il-kompetizzjoni fuq is-suq rilevanti. Jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, il-Kummissjoni tikkunsidra l-opinjonijiet tal-Istati Membri mingħajr restrizzjonijiet. Il-Kummissjoni tikkunsidra l-istudju ppreżentat mill-Ġermannja bħala affidabbli biżżejjed. Barra minn jekk, l-istudju l-ieħor, għalkemm ma jipprovdix informazzjoni kompluta, iwassal għall-istess riżultat.

(100) Fil-perjodu 1994 sa 1998 ir-rata medja annwali tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità għall-industrija tal-manifattura kollha fl-Unjoni kienet ta' 81,72 %.

(101) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-proġett tal-investiment jirriżulta f'żieda fil-kapaċità f'settur fejn ma hemm ebda kapaċità żejda. Wara s-sentenza tal-Qorti Kronofrance/Kummissjoni l-Kummissjoni għandha madankollu, jekk bħal f'dan il-każ tasal għall-konklużjoni li ma hemm l-ebda kapaċità żejda strutturali, tanalizza jekk is-suq hux qed jonqos.

6.3.1.5. ***Informazzjoni dwar il-konsum apparenti***

Dispożizzjonijiet rilevanti

(102) Skont punt 3.4 QRM 1998, sabiex jiġi stabbilit jekk is-suq hux qed jonqos, il-Kummissjoni tqabbel l-iżvilupp tal-konsum apparenti tal-prodott in kwistjoni (jiġifieri esportazzjoni mnaqqsa minn produzzjoni u importazzjoni) mar-rata tat-tkabbir tal-industrija tal-manifattura kollha fiż-ŻEE.

(103) Skont punt 7.8 QRM 1998, is-suq rilevanti tal-prodott huwa meqjus li jkun qed jonqos jekk ir-rata medja annwali tat-tkabbir tal-prodott fl-aħħar ħames snin hija ħafna (mill-inqas 10 %) taħt il-medja annwali tal-industrija tal-manifattura kollha fiż-ŻEE, sakemm ma tkunx osservata tendenza pożittiva qawwija fir-rata ta' tkabbir tal-prodott. Suq li jkun assolutament qed jonqos huwa suq fejn ir-rata medja annwali ta' tkabbir tal-konsum apparenti fl-aħħar ħames snin kien negattiv.

Is-suq li għalih jappartjenu l-particleboards

(104) Ir-rata medja annwali ta' tkabbir tal-industrija tal-manifattura kollha fiż-ŻEE fis-snin 1993 sa 1998 [22] kienet ta' 5,78 %.

(105) L-istudju ta' espert indipendenti [23] jagħti informazzjoni fuq il-valur tal-konsum apparenti ta' particleboards (f'biljuni ta' Euro) għas-snin 1993 sa 1998 (għal dawn is-sitt snin l-informazzjoni kienet disponibbli fil-ħin tan-notifika):

Biljun EURO	1993	1994	1995	1996	1997	1998	Tkabbir annwali
Particleboards	4,61	4,78	5,91	4,98	5,71	5,65	4,15 %

(106) Il-Kummissjoni tinnota li d-differenza fit-tkabbir (bejn 5,78 % u 4,15 %) hija ta' iżjed minn 10 %. Dan kien ikun ukoll il-każ jekk ikunu applikati l-figuri sal-1999 (jiġifieri mill-perjodu 1994 sa 1999) kif ġie argumentat minn KronoGroup.

(107) Fil-kummenti tagħha, il-Ġermanja tiġbed l-attenzjoni għal punt 7.8 QRM 1998, skont liema s-suq mhux ikkonsidrat li qed jonqos (anke jekk ir-rata ta' tkabbir annwali hija inqas mill-medja annwali tas-settur tal-manifattura kollu fiż-ŻEE) jekk ikun hemm tendenza pożittiva qawwija fir-rata relattiva ta' tkabbir osservata għall-prodott. Il-Ġermanja tirreferi għal investigazzjoni li turi li l-konsum apparenti ta' particleboards fil-perjodu 1973 sa 2003 kiber b'36 % aktar mgħaġġel mill-valur miżjud fl-industrija tal-manifattura.

(108) Fl-opinjoni tal-Kummissjoni dan l-argument mhux evidenza biżżejjed għal tendenza pożittiva qawwija fir-rata relattiva ta' tkabbir tad-domanda għal particleboards. Din il-kundizzjoni tal-QRM 1998 timmira lejn sitwazzjoni fejn għalkemm ir-rata medja annwali ta' tkabbir tas-suq rilevanti fl-aħħar ħames snin kien baxx, madankollu fl-aħħar snin kienet osservata żieda ċara fit-tkabbir li tista' tkompli fis-snin li ġejjin, jiġifieri fit-terminu l-qasir, meta l-investiment eliġibbli jidħol fis-seħħ. Dan biex jiġi żgurat li d-distorsjonijiet għall-kompetizzjoni mill-għajnuna jkunu limitati.

[22] Għall-kalkulazzjoni tar-rata medja annwali tat-tkabbir fuq ħames snin hija meħtieġa l-informazzjoni tal-konsum apparenti għal perjodu ta' sitt snin.

[23] Jaakko Pöyry: "The development of wood-based panels consumption in the EEA 1993-1999".

(109) L-investigazzjoni hija bbażata min-naħa l-oħra fuq informazzjoni fit-terminu fit-tul li ma jippermettix tbassir għall-futur immedjat li huwa ta' importanza ikbar għall-evalwazzjoni tal-effett tal-investiment. Barra minn hekk, din tippreżenta informazzjoni sas-sena 2003, li fil-ħin tan-notifika oriġinali fis-sena 2000 ma kinitx disponibbli.

(110) Għalhekk il-Kummissjoni tikkunsidra li s-suq tal-particleboards qed jonqos relattivament skont punt 7.8 QRM 1998 u l-fattur tal-kompetizzjoni T għandu jiġi stabbilit għal 0,75 għal dan il-prodott.

Is-suq li għalih jappartjeni OSB

(111) Ir-rata medja annwali ta' tkabbir fl-industrija tal-manifattura kollha fiż-ŻEE bejn is-snin 1993 u 1998 kienet ta' 5,78 %.

(112) Fil-kummenti tagħha l-Ġermanja tirreferi għall-investigazzjoni ta' konsulent indipendenti ([24]) li tinkludi l-informazzjoni kif ġejja dwar il-valur tal-konsum apparenti ta' OSB u plywood fl-użi finali tal-imballaġġ, ċnut, qafas tas-soqfa, kisi tal-pavimenti kif ukoll pannelli tal-ħitan fiż-ŻEE fil-perjodu bejn 1993 u 1998 (f'biljuni ta' euro).

	1993	1994	1995	1996	1997	1998	Rata annwali
OSB	0,05	0,06	0,08	0,10	0,13	0,18	31,321 %
Kategoriji ta' plywood	0,46	0,55	0,55	0,48	0,50	0,49	1,175 %
Kategoriji ta' OSB u plywood ([1])	**0,51**	**0,61**	**0,63**	**0,58**	**0,63**	**0,67**	**5,765 %**

([1]) Fl-użi finali tal-imballaġġ, ċnut, qafas tas-soqfa, kisi tal-pavimenti kif ukoll pannelli tal-ħitan.

(113) B'hekk fis-suq rilevanti li jikkonsisti f'OSB u kategoriji ta' plywood fl-użi finali tal-imballaġġ, ċnut, qafas tas-soqfa, kisi tal-pavimenti kif ukoll pannelli tal-ħitan id-differenza fit-tkabbir (bejn 5 765 % u 5.78 %) mhix iżjed minn 10 %. Għalhekk, skont punt 7.8 QRM 1998 is-suq rilevanti mhux suq li qed jonqos, b'tali mod li għas-suq OSB il-fattur tal-kompetizzjoni huwa stabbilit għal 1.

6.3.1.6. ***Ishma fis-suq rilevanti***

(114) Fl-evalwazzjoni tal-fattur tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni għandha tivverifika skont punt 3.6 QRM 1998 jekk il-grupp li għalih jappartjenu Glunz u OSBD għandux 40 % sehem tas-suq jew iżjed, li jindika li jeżisti r-riskju li l-għoti tal-livelli massimi ta' għajnuna normalment permissibbli fir-reġjun jistgħu joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni.

(115) Il-Ġermanja pprovdiet informazzjoni dwar is-sehem tas-suq tal-Grupp SONAE, il-kumpanija possedenti tal-kumpanija TAFISA li għaliha jappartjenu Glunz u OSBD, fuq il-livell taż-ŻEE ([25]) għas-snin 1999 (qabel l-investiment) u 2002 (wara l-investiment). Din l-informazzjoni taqra kif ġej:

Suq tal-Prodott	1999 (qabel l-investiment)	2002 (wara l-investiment)
particleboards	(…)	(…)
OSB u kategoriji ta' plywood ([1])	(…)	(…)

([1]) Fl-użi finali tal-imballaġġ, ċnut, qafas tas-soqfa, kisi tal-pavimenti kif ukoll pannelli tal-ħitan.

(116) Il-figuri ppreżentati juru li s-sehem tal-Grupp SONAE fis-suq rilevanti ma kienx jaqbez 40 % fil-ħin tan-notifika. Għalhekk, il-fatturi tal-kompetizzjoni stabbiliti ma għandhomx jiġu mnaqqsa.

6.3.2. FATTUR "KAPITAL/IMPJIEGI"

(117) Fil-kummenti tiegħu KronoGroup kien tal-fehma li l-impjiegi trasferiti wara l-għeluq tal-impjant ta' particleboards ta' Glunz f'Sassenberg m'għandhomx jiġu kkunsidrati fil-kalkoli tal-fatturi "Kapital/Impjiegi" u "Impatt Reġjonali" (li t-tnejn jiddependu min-numru ta' impjiegi maħluqa mill-investiment). Skont il-KronoGroup, il-kunsiderazzjoni ta' dawn l-impjiegi jmur kontra l-għan iddikjarat tal-QRM 1998, li jinħolqu impjiegi fir-reġjun ikkonċernat għan-nies lokali.

([24]) Rapport ta' Jaakko Pöyry: "The development of OSB and Plywood Consumption in the European Economic Area 1993-1998".

([25]) Kif kienet teżisti fil-ħin tan-notifika inizjali fis-sena 2000.

(118) It-terminu "ħolqien ta' impjiegi" fis-sens ta' QRM 1998 għandu jiġi interpretat fil-kuntest taż-żona megħjuna għaliex il-proġett jippromwovi l-ħolqien ta' impjiegi f'dan ir-reġjun u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp reġjonali. Għalhekk jidher ġustifikat li impjiegi li huma ġodda għar-reġjun ikkonċernat jiġu aċċettati bħala "impjiegi maħluqa". Barra minn hekk, il-ħolqien ta' impjiegi ġodda fir-reġjun megħjun, anke jekk il-postijiet tax-xogħol huma mimlija b'impjegati minn żona fil-qrib (f'dan il-każ minn reġjun mhux megħjun mill-istess Stat Membru), jibbenefika lir-reġjun ikkonċernat minħabba konsegwenzi mifruxa u b'hekk jissodisfa l-għan ewlieni tal-għajnuna reġjonali.

(119) Għalhekk il-Kummissjoni se tqis dawn il-postijiet tax-xogħol fid-determinazzjoni tal-fatturi "Kapital/Impjiegi" u "Impatt Reġjonali" tal-proġett tal-investiment.

(120) QRM 1998 jinkludi fattur "Kapital/Impjiegi" li jaġġusta l-intensità massima tal-għajnuna biex jiffavorixxi dawk il-proġetti li jikkontribbwixxu effettivament għat-tnaqqis tal-qgħad bil-ħolqien ta' numru relattivament ikbar ta' impjiegi diretti.

(121) Il-fatturi differenti għal "Kapital/Impjiegi" huma elenkati f'punt 3.10.2 tal-QRM 1998. F'dan il-każ l-investiment totali ammonta għal EUR 199 400 000 u ħoloq 355 impjieg. Dan jikkorrispondi għal proporzjon ta' EUR 561 700 għal kull impjieg, b'tali mod li l-fattur "I" għall-aġġustament tal-intensità massima tal-għajnuna huwa stabbilit għal 0,8.

6.3.3. FATTUR "IMPATT REĠJONALI" (M)

(122) Il-fattur "Impatt Reġjonali" jikkunsidra l-effetti pożittivi ta' investiment ġdid issussidjat fuq l-ekonomija tar-reġjun megħjun. Il-ħolqien tax-xogħol jista' jintuża bħala miżura tal-kontribuzzjoni tal-proġett għall-iżvilupp tar-reġjun ikkonċernat. Permezz ta' investiment ta' kapital intensiv jistgħu jinħolqu numru sinifikanti ta' impjiegi indiretti fir-reġjun megħjun ikkonċernat u f'xi reġjuni megħjuna fil-qrib. Ħolqien tax-xogħol jirreferi f'dan il-kuntest għall-impjiegi direttament maħluqa bil-proġett kif ukoll dawk maħluqa mill-forniturі diretti u klijenti f'rispons għall-investiment megħjun.

(123) Fil-ħin tan-notifika tas-7 ta' Awwissu 2000 il-Ġermanja stmat li n-numru ta' impjiegi indiretti maħluqa b'riżultat tal-investiment wara t-tlestija taċ-ċentru tal-injam jirriżulta f'total ta' 520 u identifikat dawn skont il-bżonnijiet tal-produzzjoni individwali kif ġej:

	Produzzjoni tal-OSB Impjiegi indiretti	Produzzjoni tal-OSB Impjiegi addizzjonali	Produzzjoni tal-particle-boards Impjiegi indiretti	Produzzjoni tal-particle-boards Impjiegi addizzjonali	Total
Ipproċessar tal-injam	61	11	70	12	154
Trasport tal-injam sal-impjant	42	8	77	14	141
Trasport tal-kolla sal-impjant	5		8		13
Trasport tal-fjuwil sal-impjant	2		3		5
Trasport tal-karta melamina			1		1
Trasport mill-impjant sal-klijenti	50	9	76	14	149
Servizzi (manutenzjoni, tiswija tal-apparat)	17	3	17	3	40
Servizzi ta' tindif	5		5		10
Akkomodazzjoni, oġġetti tal-konsumatur għall-impjegati	2		5		7
Total	**184**	**31**	**262**	**43**	**520**

(124) In-numru mistenni ta' impjiegi ġodda kien ikkalkulat kif ġej:

(125) Skont il-Ġermanja, is-sors ewlieni ta' ħolqien ta' impjiegi indiretti maħluqa miż-żewġ oqsma ta' produzzjoni hija l-provvista tal-materjal lill-impjanti u l-prodotti finali lill-klijenti b'309 impjieg.

(126) Il-produzzjoni stmata ta' OSB ta' madwar […]m^3 għandha tirriżulta f'bejgħ ta' madwar […]m^3. Il-manifattura ta' metru kubu ta' prodott finali jeħtieġ madwar […] m^3 injam, li jirriżulta f'domanda ta' […] m^3 injam fis-sena. Huwa stmat li l-ħtieġa annwali ta' kolla u sustanzi kimiċi hija ta' […] t u d-domanda annwali tal-fjuwil ta' […] t.

(127) Il-materja prima tal-prodotti OSB hija 100 % injam li hu maħsud f'distanza ta' madwar 100 km madwar l-impjant. Il-ħtieġa ta' kuljum tal-impjanti hija stmata madwar […] m^3, li huma miġjuba fi trakkijiet b'kapaċità ta' […] m^3. Fuq il-bażi ta' żewġ vjaġġi kuljum u kapaċità ta' […] m^3 dan jirriżulta f'39 trakk b'39 sewwieq, 8 impjegati addizzjonali u 3 mekkaniks għal total ta' 50 impjieg indirett. Il-Kummissjoni tikkonsidra madankollu li impjegati addizzjonali ma jikkorrispondux mad-definizzjoni ta' impjiegi skont il-punti 3.7 u 7.5 QRM 1998 ([26]). Għalhekk jistgħu jiġu rikonoxxuti biss 42 impjieg indirett maħluqa għat-trasport tal-materjal sal-impjant.

(128) Il-bejgħ preżunt ta' […] m^3 fuq 251 ġurnata tax-xogħol jirriżulta f'volum ta' […] m^3 prodotti OSB kuljum, li jingarru fi trakkijiet b'kapaċità ta' […] m^3. 46 vjaġġ kuljum jeħtieġu 46 sewwieq, 9 impjegati addizzjonali u 4 mekkaniks u b'hekk jirriżultaw f'total ta' 59 impjieg indirett. Minghajr l-impjegati addizzjonali jinħolqu 50 impjieg indirett għat-trasport tal-prodott finali lill-klijent.

(129) Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-impjant tal-particleboards huwa stmat madwar […] m^3 particleboard mhux maħdum u […] m^3 folja miksija. Il-bejgħ huwa preżunt li jilħaq volum ta' […] m^3 particleboard mhux miksija u […] m^3 folja miksija. Id-differenza bejn il-kapaċità u l-bejgħ imbassrin jirriżulta mill-fatt li porzjon sinifikanti tal-particleboards jinkesa. Id-domanda totali għall-injam tammonta għal […] m^3 kull sena. Huwa stmat li l-ħtieġa annwali ta' kolla u sustanzi kimiċi hija ta' […] t u d-domanda annwali tal-fjuwil ta' […] t.

(130) Anki fil-każ ta' particleboards l-injam huwa maħsud f'distanza ta' madwar 100 km mill-impjant. Il-ħtieġa ta' kuljum hija stmata madwar […] m^3 injam, […] m^3 injam tal-imballaġġ u […] m^3 ċana. Il-kapaċità tat-trasport hija stmata madwar […] m^3 għall-injam u injam tal-imballaġġ u […] m^3 għaċ-ċana. Dan jirriżulta f'72 vjaġġ kuljum bi ħtieġa għal 72 sewwieq, 14-il impjegat addizzjonali u 5 mekkaniks għal total ta' 91 impjieg indirett maħluq. Minghajr l-impjegati addizzjonali jinħolqu 77 impjieg indirett għat-trasport tal-materjali sal-impjant tal-particleboards.

([26]) Impjiegi permanenti full-time relatati direttament mal-proġett.

(131) Il-bejgħ preżunt ta' […] m^3 fuq 251 ġurnata tax-xogħol jirriżulta f'volum ta' […] m^3 particleboards kuljum, li jingarru fi trakkijiet b'kapaċità ta' […] m^3. Meta jitnaqqsu l-impjegati addizzjonali minn 71 sewwieq, 14-il impjieg addizzjonali u 5 mekkaniks, jistgħu jiġu rikonoxxuti għat-trasport tal-prodott finali lill-klijent 76 impjieg indirett maħluq.

(132) Il-Ġermanja ma pprovdietx informazzjoni dwar id-19-il impjieg indirett maħluq fit-trasport tal-kolla, fjuwil u karta melamina għaż-żewġ impjanti. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li dan in-numru huwa realistiku.

(133) Għalhekk il-Kummissjoni tikkunsidra li fil-qasam tat-trasport jistgħu jinħolqu 264 impjieg indirett.

(134) L-ipproċessar tal-injam jitwettaq f'251 ġurnata fis-sena u huwa t-tieni sors importanti ta' impjiegi indiretti.

(135) Il-manifattura ta' OSB teħtieġ […] m^3 ta' injam kuljum, li minnhom 95 % huma maħduma b'mod mekkaniku u 5 % b'mod manwali. L-ipproċessar mekkaniku ta' […] m^3 jeħtieġ 25 grupp ta' 2 operaturi tal-magni u 2 ħaddiema tal-injam kull wieħed kif ukoll ħaddiem addizzjonali għal kull 6 gruppi; kull grupp ilaħħaq produzzjoni ta' […] m^3 kuljum, b'hekk jinħolqu 54 impjieg. L-ipproċessar manwali ta' […] m^3 jeħtieġ 13 lumberjacks bi produzzjoni ta' […] m^3 kuljum. Skont il-Ġermanja barra mis-67 impjieg indirett jinħolqu 13-il impjieg għal ħaddiema addizzjonali li jirriżulta f'ammont totali ta' 80 impjieg. Madankollu mis-67 impjieg indirett, 61 biss huma maħluqa fir-reġjun megħjun jew f'reġjuni megħjuna fil-viċin u għalhekk dawn biss għandhom jiġu kkunsidrati.

(136) Il-produzzjoni ta' particleboards teħtieġ […] m^3 injam kuljum li minnhom 95 % huma maħduma b'mod mekkaniku u 5 % b'mod manwali. Fuq il-bażi tal-istess kalkoli għall-attivitajiet tal-forestrija għall-manifattura ta' OSB il-Ġermanja tikkalkula 41 impjieg indirett maħluq inklużi 5 impjiegi għal ħaddiema addizzjonali. Madankollu minn 41 impjieg indirett, 32 biss huma maħluqa fir-reġjun megħjun jew f'reġjuni megħjuna fil-viċin u għalhekk dawn biss għandhom jiġu kkunsidrati.

(137) B'volum ta' […] m^3 kuljum ta' injam tal-imballaġġ il-Ġermanja tassumi li jinħolqu 36 impjieg fil-ħsad, fit-trasport u t-tqassim, 7 ħaddiema addizzjonali u 7 impjiegi għax-xiri tal-materjal, il-loġistika eċċ. Minn 43 impjieg indirett, 38 biss huma maħluqa fir-reġjun megħjun jew f'reġjuni megħjuna fil-viċin.

(138) Il-Kummissjoni tikkonsidra li fl-attivitajiet tal-forestrija jinħolqu total ta' 131 impjieg indirett.

(139) Il-Ġermanja ma pprovdietx informazzjoni dwar il-ħolqien ta' 51 impjieg u 6 ħaddiema addizzjonali fis-settur tas-servizzi kif ukoll fl-akkomodazzjoni u oġġetti għall-konsumatur. Peress li xi whud minn dawn l-impjiegi jistgħu jkunu maqsuma fuq iż-żewġ impjanti, il-Kummissjoni tqis li 45 impjieg indirett huma realistiċi.

(140) B'kunsiderazzjoni ta' dan kollu, l-għadd totali ta' impjiegi indiretti maħluqa fir-reġjun megħjun jew reġjuni megħjuna fil-viċin jammonta għal 440. Jekk l-impjiegi assigurati ma jiġux inkluża, l-għadd totali ta' impjiegi indiretti maħluqa jammonta għal 407. Meta mqabbel mat-355 impjieg dirett maħluq, il-proporzjon fiż-żewġ każijiet (440 jew 407) jaqbeż il-100 %, u b'hekk jirriżulta fil-fattur "Impatt Reġjunali" (M) ta' 1.5

6.3.4. INTENSITÀ MASSIMA TAL-GĦAJNUNA PERMISSIBBLI GĦALL-PROĠETT TAL-INVESTIMENT

(141) L-intensità massima tal-għajnuna permissibbli hija kkalkulata skont punt 3.10 QRM 1998 skont il-formula R × T × I × M ([27]).

(142) Peress li l-fattur tal-kompetizzjoni T fil-każ taż-żewġ prodotti kkonċernati huwa differenti (għandu valur ta' 1 għal OSB u 0,75 għal particleboards) għandu jiġi stabbilit kif jiġi kkalkulat fattur tal-kompetizzjoni wieħed għall-proġett kollu. Il-QRM 1998 ma tipprovdi l-ebda informazzjoni f'dan ir-rigward.

(143) F'każ simili li jaqa' wkoll taħt il-QRM 1998 li kien jikkonċerna żewġ prodotti distinti li kienu assenjati fattur tal-kompetizzjoni differenti (Każ tal-għajnuna C 15/06 Pilkington ([28])), il-Kummissjoni nnutat li peress li l-proġett kien jikkonċerna sit ta' produzzjoni kompletament integrat, kien ikun artifiċjali li jitkejlu ż-żewġ fatturi tal-kompetizzjoni fuq il-valur relattiv tal-investiment għal kull wieħed miż-żewġ prodotti. Għalhekk il-Kummissjoni applikat il-proporzjon tal-kapaċitajiet taż-żewġ prodotti għall-ippeżar tal-fattur.

(144) Kif spjegat fit-Taqsima 2.3 ta' din id-deċiżjoni, dan il-proġett jirrelata ma' żewġ impjanti konnessi ma' xulxin (impjant ta' OSB u impjant ta' particleboards) permezz ta' infrastruttura teknika komuni u amministrazzjoni komuni. L-ispejjeż eliġibbli jistgħu jiġu identifikati bejn iż-żewġ impjanti. Għalhekk, f'dan il-każ, b'kuntrast mad-deċiżjoni Pilkington, huwa possibbli li jiġi kkalkulat fattur komuni tal-kompetizzjoni fuq il-proporzjon ta' spejjeż ta' investiment eliġibbli għaż-żewġ prodotti.

(145) Fil-kummenti tagħha fuq id-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Ġermanja pproponiet it-tielet possibilità għall-ippeżar tal-fatturi differenti tal-kompetizzjoni taż-żewġ prodotti, fuq il-bażi tal-marġini tal-kontribuzzjonijiet ([29]) taż-żewġ linji tal-produzzjoni. Skont il-Ġermanja dan jassigura li tkun sostnuta l-kontribuzzjoni taż-żewġ prodotti affettwati għad-dikjarazzjoni tad-dħul mill-operat.

(146) Skont il-metodu partikolari li jiġi adottat, il-fattur komuni tal-kompetizzjoni għall-proġett tal-investiment kollu jkun ta' 0,86 (kalkolu bbażat fuq il-proporzjon tal-kapaċitajiet ([30])), 0,85 (kalkolu bbażat fuq l-ispejjeż relattivi tal-investiment ([31])) jew 0,92 (kalkolu bbażat fuq il-proporzjon tal-marġini tal-kontribuzzjoni ([32])).

(147) Peress li ż-żewġ fatturi l-oħra meħtieġa għall-kalkulazzjoni tal-intensità massima tal-għajnuna permissibbli għall-proġett għandhom valur ta' 0,8 ("Kapital/Impjiegi" I) u 1,5 ("Impatt Reġjonali" M), jirriżulta li l-intensità massima tal-għajnuna permissibbli skont punt 3.10 QRM 1998 fuq il-bażi tal-formula R × T × I × M, hija ta' 36,12 %, 35,70 % u 38,64 %. Konsegwentement l-intensità tal-għajnuna ta' 35 % notifikata mill-Ġermanja hija konsistenti mal-QRM 1998.

(148) Għalhekk mhuwiex neċessarju li jiġi ddeterminat liema metodu għandu jintuża għall-fattur ikkombinat tal-kompetizzjoni. Il-metodu propost mill-Ġermanja (li jwassal għar-riżultat l-aktar favorevoli) m'għandux jiġi kkunsidrat fi kwalunkwe każ peress li huwa bbażat fuq figuri tal-2004, li ma kinux disponibbli fil-ħin tan-notifika.

6.3.5. L-EBDA ORDNI GĦALL-IRKUPRU

(149) Huwa mfakkar li ammont ta' għajnuna li jammonta għal EUR […] diġà ġie mħallas mill-Ġermanja lill-benefiċjarji (mill-ammont totali approvat ta' EUR 69 797 988).

([27]) Fejn "R" hija l-intensità massima permissibbli għal kumpaniji kbar fir-reġjun megħjun ikkonċernat, "T" hija fattur tal-kompetizzjoni, "I" il-proporzjon Kapital/Impjiegi u "M" hija l-effett reġjonali.

([28]) ĠU L 49, 20.2.2009, p. 18.

([29]) Il-kontribuzzjoni tal-profitt huwa kkalkulat bħala d-differenza bejn id-dħul u l-ispejjeż varjabbli li huma kkawżati direttament mill-prodott. Il-marġini tal-kontribuzzjoni huwa dak l-ammont minfuq minn prodott biex ikopri l-ispejjeż fissi. Fi kliem ieħor il-marġini tal-kontribuzzjoni hija l-ammont tal-profitt għal kull unità mibjugħa.

([30]) Fin-notifika, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-impjant il-ġdid tal-OSB kienet stmata li tammonta għal […] m^3 (42 %) u dik tal-impjant il-ġdid tal-particleboards […] m^3 (58 %). Il-fattur ikkombinat tal-kompetizzjoni b'hekk ikun ta' 0,42 × 1 + 0,58 × 0,75 = 0,86.

([31]) L-ispejjeż eliġibbli għall-impjant tal-OSB jammontaw għal 81,8 miljun Euro (41 %) u dawk għall-impjant tal-particleboards jammontaw għal 117,6 miljun Euro (59 %). Il-fattur ikkombinat tal-kompetizzjoni b'hekk ikun ta' 0,41 × 1 + 0,59 × 0,75 = 0,85.

([32]) Skont il-Ġermanja, il-kontribuzzjoni relattiva tal-impjant tal-OSB kienet ta' 68,5 % u tal-impjant tal-particleboards kienet ta' 31,5 % fl-2004. Il-fattur ikkombinat tal-kompetizzjoni b'hekk ikun ta' 0,685 × 1 + 0,315 × 0,75 = 0,92.

(150) Fl-opinjoni tiegħu, KronoGroup argumenta li l-Kummissjoni kellha tordna l-irkupru temporanju tal-għajnuna skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru. 659/1999.

(151) Ordni ta' rkupru hija miżuri straordinarja li l-Kummissjoni tista' tadotta biss jekk il-kundizzjonijiet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru. 659/1999 ikunu sodisfatti. KronoGroup ma ressaq l-ebda argumenti konvinċenti biex juri li dawn il-kundizzjonijiet huma sodisfatti; fi kwalunkwe każ ordni ta' rkupru f'dan il-każ ma kienx ikun adattat.

VII. **KONKLUŻJONI**

(152) Il-Kummissjoni tinnota li l-Ġermanja implimentat l-għajnuna in kwistjoni bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE. Madankollu l-intensità tal-għajnuna ta' 35 % applikata mill-Ġermanja hija kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-QRM 1998. Konsegwentement, l-għajnuna diskutibbli għandha titqies li hija kompatibbli mas-suq komuni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għajnuna mill-Istat li l-Ġermanja implimentat lil Glunz AG u OSB Deutschland GmbH li tammonta għal EUR 69 797 988 hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2011.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Viċi-President